MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Frar, 2019

Rikors Maħluf Numru 1091/2014 LM

**L-Arkitett u Inġinier Ċivili Godwin A. Borg (K.I. 168850M); Anne Borg (K.I. 730943M), f'isimha stess u bħala prokuratriċi tal-imsiefra Susan mart Lewis Zammit; Cecilia (K.I. 987946M), Thomas (K.I. 467362M) aħwa Borg; Lydia Pirotta (K.I. 597625M), armla tal-mejjet żewġha Joseph Pirotta bħala użufruttwarja tal-assi tiegħu u t-tliet eredi tiegħu Joseph Pirotta (K.I. 231050M), f'ismu stess u bħala prokuratur tal-imsiefra Marlene Gatt mart Tony Gatt, u Doreen Camilleri (K.I. 259562M) mart Vincent Camilleri; b'digriet tal-4 ta' Marzu, 2015 l-atti ġew trasfużi f'isem Joseph Pirotta, Marlene Gatt mart Tony u Doreen Camilleri mart Vincent stante l-mewt ta' Lydia Pirotta; Robert N. Borg (K.I. 532754M);**

***vs.***

**Anatole Baldacchino (K.I. Nru 98165M), u martu Susan Baldacchino (K.I. Nru 414962M); CMR Commercial Limited gia CMR Commercial Corporation Limited (C 4701); Central Mediterrenean Development Corporation Ltd (C 453) gia Holiday Estates Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-1 ta' Diċembru, 2014 mill-atturi **l-Arkitett u Inġinier Ċivili Godwin A. Borg** (168850M); **Anne Borg** (730943M), f'isimha stess u bħala prokuratriċi tal-imsiefra **Susan mart Lewis Zammit**; **Cecilia** (987946M), u **Thomas** (467362M) **aħwa Borg**; **Lydia Pirotta** (597625M) **armla tal-mejjet Joseph Pirotta bħala użufruttwarja tal-assi tiegħu** u t-tliet eredi tiegħu **Joseph Pirotta** (231050M), f'ismu stess u bħala prokuratur tal-imsiefra **Marlene Gatt mart Tony Gatt**, u Doreen Camilleri (259562M) mart **Vincent Camilleri**; **Robert N. Borg** (532754M), u maħluf minn Anne Borg (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), li jgħid kif ġej:

1. *Premess illi l-esponenti huma, flimkien, is-sidien ta' porzjoni diviża t'art, tal-kejl superfiċjali ta' żewġt itmien, mondello u ħames kejliet, mill-art ta' Għajn Blad jew Blat fil-limiti tan-Nigret, kontrada t'Għar Dalam, fil-limiti ta' San Ġorġ, Birżebbugia;*

2. *U billi l-esponenti huma sidien tal-art billi ġiet akkwistata mill-awtur tad-dritt tagħhom Carmelo Pirotta permezz ta' kuntratt tat-22 ta' Ottubru 1936 fl-atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi, kopja ta' liema kuntratt hija hawn esebita u annessa bħala '**Dokument A**'. Carmelo Pirotta dejjem żamm din il-proprjetà f'idejh u meta ġie nieqes intiret mit-tfal tiegħu. Ir-rikorrenti huma jew dawn it-tfal jew il-werrieta tal-istess tfal;*

3. *U billi għalkemm kien hemm ċens annwu u perpetwu li kien jaggrava fuq dan il-proprjetà, dan iċ-ċens ġie mifdi permezz ta' ċedola numru 3958/2001 depożitata taħt l-awtorità tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Marzu 2001;*

4. *U billi jirriżulta li fis-sena 1966, b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Paul Pullicino fl-4 ta' Lulju 1966 il-kumpannija Holiday Estates Limited kienet akkwistat medda t'art, l-estremi ta' liema huma inċerti kif dikjarat fil-kuntratt tas-sena 1966 kopja ta' liema hija hawn annessa u esebita bħala **Dokument B**;*

5. *U billi l-inċertezza fil-konfini ma waqqafx lis-soċjetà Holiday Estates Limited milli taqsam il-medda t'art kollha f'diversi plots, ftit ta' liema kienu parzjalment jinvadu l-proprjetà tar-rikorrenti;*

6. *U billi jirriżulta li fost il-plots li ddaħħlu fuq il-proprjetà tar-rikorrenti kien hemm il-**plot 57 u 58** li ngħataw b'ċens lill-kumpanija **CMR Commercial Corporation Ltd,***

***illum CMR Commercial Limited** permezz ta' kuntratt pubbliku tal-10 ta' Diċembru 1981 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef kopja ta' liema hija hawn annessa u esebita bħala **Dokument C**;*

*7. U billi fis-sena 2004 is-soċjetà Holiday Estates Limited ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Kumpanniji filwaqt li d-dirett dominju minnha pretiż fuq din il-proprjetà ġie assenjat lill-kumpannija Central Mediterrenean Development Corporation Limited;*

*8. U billi eventwalment dawn l-istess **plots 57 u 58** ġew trasferiti lill-intimati Baldacchino mis-soċjetà CMR Commercial Corporation Ltd permezz ta' kuntratt ippubblikat fit-3 ta' Frar 1993 fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion, kopja ta' liema hija hawn annessa u esebita bħala **Dokument D**;*

*9. U billi dawn il-**plots 57 u 58** huma aħjar deskritti fil-kuntratt fuq imsemmi u fil-pjanta annessa mal-istess kuntratt; u jirriżulta li jestendu għal fuq il-proprjetà tar-rikorrenti, u dana kif inhu indikat fil-pjanta hawn annessa u esebita bħala **Dokument E,** fejn l-okkupazzjoni li saret hija immarkata bil-kulur blù[1];*

*10. U billi l-intimati baqgħu fl-okkupazzjoni minkejja li ġew interpellati formalment sabiex jirrilaxxaw dik il-parti tal-art proprjetà tar-rikorrenti okkupata mill-istess intimati b'diversi ittri u protesti ġudizzjarji fosthom is-segwenti:*

*a. Protest tal-25 t'Ottubru 1995;*
*b. Protest tad-29 ta' Novembru 1995;*
*c. Protest tad-9 ta' Jannar 1996;*
*d. Protest tas-17 t'Ottubru 1997;*
*e. Protest tal-14 t'ottubru 1999;*
*f. Protest tal-11 ta' Settembru 2001;*
*g. Protest tat-2 ta' Settembru 2003;*
*h. Protest tat-22 t'Awwissu 2005;*
*i. Protest tat-2 ta' Settembru 2005;*
*j. Protest tas-17 t'Awwissu 2007;*
*k. Protest tat-12 t'Awwissu 2009;*
*l. Protest tal-21 ta' Lulju 2011;*
*m. Protest tas-7 ta' Diċembru 2012.*

*11. U billi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*12. U billi għall-aħjar intendiment ta' din l-Onorabbli Qorti għandu jiġi rilevat li fil-fatt is-soċjetà awtriċi tad-dritt tal-konvenuti kienet okkupat porzjoni ferm akbar ta' art proprjetà tar-rikorrenti u ttentat tbiegħhom lil terzi u porzjonijiet ta' din l-art ġew rivendikati permezz ta' żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Appell:*

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet mogħti fit-13 ta' Mejju, 2015.

*a. Il-kawża fl-ismijiet **Pirotta Joseph et vs. Zammit Joseph et** (Nru. 1858/95 GCD) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 t'Ottubru 2011 u liema sentenza għaddiet in ġudikat;*

*b. Il-kawża fl-ismijiet **Pirotta Joseph et vs. Peter Incorvaja et** (Nru. 75/96 GCD) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 t'Ottubru 2011 u liema sentenza għaddiet in ġudikat.*

*13. U billi b'dawn is-sentenzi l-Qorti kkonfermat li l-awtur fid-dritt tal-intimati ma kellhomx pussess inekwivoku tal-proprjetà minnhom okkupata;*

*14. U billi anke għal din ir-raġuni m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju dwar it-titolu tal-esponenti;*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni xierqa u opportuna jogħġobha:*

*i. Tiddikjara, okkorrendo bl-assistenza ta' perit tekniku nominat minn din l-Onorabbli Qorti li r-rikorrenti huma s-sidien ta' parti mill-art okkupata mill-intimati u msejħa, fil-kuntratt esebit bħala **Dokument D**, bħala plot numru **57 u 58;** liema parti t'art okkupata hija murija bil-blù[2] fuq il-pjanta (annessa bħala **Dokument E**) mehmuża ma' dan ir-rikors u dana għar-raġunijiet kollha li ser jirriżultaw tul it-trattazzjoni tal-kawża inkluż li dik l-art kienet akkwistata minn Carmelo Pirotta, awtur tal-atturi, b'kuntratt tat-22 t'Ottubru, 1936 fl-atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi;*

*ii. Tiddikjara, occorrendo bl-assistenza ta' perit tekniku nominat minn din l-Onorabbli Qorti, li l-intimati jew min minnhom qegħdin jokkupaw parti mill-proprjetà tar-rikorrenti, u dan anki kif jirriżulta indikat bil-kulur blù fil-pjanta annessa ma' dan ir-rikors bħala **Dokument E),** liema okkupazzjoni qiegħda ssir mingħajr titolu validu fil-liġi;*

*iii. Tikkundanna lill-intimati sabiex jirripristinaw, jivvakaw u jroddu lura lir-rikorrenti l-art indikata proprjetà tar-rikorrenti bil-pussess vakanti tal-istess art;*

*iv. Tawtorizza lir-rikorrenti, fin-nuqqas tal-intimati sabiex bl-assistenza ta' perit tekniku nominat minn din l-Onorabbli Qorti jagħmlu dawk ix-xogħlijiet kollha neċessarji sabiex jirripristinaw il-pussess fuq il-proprjetà tagħhom a spejjeż tal-intimati.*

*Bl-ispejjeż inklużi tal-protesti fuq imsemmija u l-inġunzjoni in subizzjoni tal-intimati.*

[2] Ara korrezzjoni awtorizzata b'digriet mogħti fit-13 ta' Mejju, 2015.

Rat ir-Risposta Maħlufa ta’ **Anatole Baldacchino**, (minn issa ’l quddiem "il-konvenut Baldacchino"), liema risposta ġiet ippreżentata fit-22 ta’ Diċembru, 2014, li tgħid:

1. *Illi preliminarjament jiġi rilevat li l-esponent m’għadux miżżewweġ lill-intimata Susan Baldacchino in vista ta’ separazzjoni personali bejniethom kif ukoll dikjarazzjoni ta’ nullità ta’ żwieġ u fi kwalunkwe każ Susan Baldacchino ma għad għandha l-ebda sehem fil-proprjetà mertu ta’ din il-kawża. Għal kull buon fini jiġi dikjarat li l-esponent qiegħed iressaq din ir-risposta f’ismu personali biss u jekk l-atturi għandhom interess li jipproċedu b’din il-kawża fil-konfront ta' Susan Baldacchino huma għandhom jieħdu ħsieb li jinnotifikawha bl-atti ta’ din il-kawża;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda in kwantu bla ebda fundament ġuridiku u fattwali stante li l-esponenti akkwista il-proprjetà mertu tal-kawża b’titolu validu u tajjeb fil-liġi kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri u kien biss wara li l-istess konvenut żviluppa l-istess proprjetà li l-atturi bdew jivvantaw il-pretensjoni mressqa minnhom f’dawn il-proċeduri;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-sentenzi ċitati fil-premessa numru 12 tar-rikors promutur ma jagħmlux stat fil-konfront tal-esponent u jispetta lill-atturi jġibu prova li huma sidien tal-art akkwistata mill-esponent u dan ġaladarba għażlu li jressqu din l-azzjoni ta’ actio rei vindicatoria;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jispetta lill-atturi li jġibu prova, fl-ewwel lok, li huma l-eredi ta’ Carmelo Pirotta, komparenti fl-att tat-22 ta’ Ottubru, 1936 fl-atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi u fit-tieni lok li l-atturi Anne Borg u Joseph Pirotta jgawdu l-mandat indikat fl-okkju tal-kawża li jirrappreżenta uħud mill-atturi l-oħra. F'dan ir-rigward, l-esponent qiegħed jirriserva li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti ssib li l-kuntratt in atti Nutar Carmel Mangion tat-3 ta’ Frar, 1993 ma ttrasferiex validament it-titolu ta’ proprjetà a favur l-esponent, l-istess esponent jista’ jistrieħ fuq il-preskrizzjoni akkwiżittiva ta’ għaxar snin bħala titolu għall-proprjetà mertu ta’ din il-kawża;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ewwel u t-tieni talba attriċi huma inkompatibbli għal xulxin in kwantu jipprospettaw żewġ azzjonijiet differenti b'elementi u gradi ta' prova differenti minn xulxin u għaldaqstant l-atturi għandhom jiddikjaraw b'mod inekwivoku l-azzjoni li huma qed jipprospettaw in linea mal-prinċipju selecta una via non dat ricursus ad alteram u f'dan is-sens l-esponent jirriserva d-dritt li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost meta l-esponent akkwista l-proprjetà mingħand is-soċjetà konvenuta CMR Commercial Limited, bis-saħħa tal-kuntratt tat-3 ta' Frar, 1993 in atti Nutar Carmel Mangion l-istess soċjetà konvenuta ggarantiet l-istess trasferiment bil-garanzija tal-paċifiku pussess u għalhekk f'każ li din l-Onorabbli Qorti tgħaddi biex tilqa' l-ewwel u/jew it-tieni talba attriċi din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex tilqa' t-tielet u r-raba' talbiet attriċi fil-konfront tal-esponent iżda se mai għandha tiffissa somma bħala kumpens pagabbli mis-soċjetajiet konvenuti lill-atturi u dan tenut kont li l-esponent akkwista l-proprjetà in bona fede u żviluppa tali art in bona fede u fuq l-art bena proprjetà ta' valur konsiderevoli li f'każ ta' eżitu negattiv fil-konfront tiegħu għandu dritt li jkun ikkumpensat mill-kontendenti l-oħra.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-partijiet kollha l-oħra li huma minn issa inġunti in subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-liġi spettanti lill-esponenti.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Central Mediterrenean Development Corporation Limited**, (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta Central Mediterrenean Development Corporation Limited" jew "CENMED"), li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Jannar, 2015 minn Sharon Cremona, li tgħid:

1. *Illi in kwantu l-atturi jivvantaw titolu ta' proprjetà, huma għandhom jippruvaw l-allegazzjoni tagħhom skont il-liġi;*
2. *Illi preliminarjament kif promossa l-azzjoni l-eċċipjenti Central Mediterrenean Development Limited mhix il-leġittimu kontradittur;*
3. *Illi subordinament u preliminarjament ukoll qiegħda tiġi eċċepita l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili;*

4. *Illi s-soċjetà konvenuta esponenti kienet akkwistat biċċa art fil-parti l-kbira blat mikxuf magħruf bħala Ta' Għajn Blata permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino fl-4 ta' Lulju 1966;*

5. *Illi sussegwentement permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef datat l-10 ta' Diċembru 1981 – Dok. A – is-soċjetà gia Holiday Estates Limited kienet biegħet lis-soċjetà konvenuta CMR Commercial Limited, numru ta' plots kompriżi dawk tar-rikorrenti;*

6. *Illi s-soċjetà konvenuta esponenti kienet biegħet in assoluta buona fede l-plots in kwistjoni u qabel it-trasferiment lis-soċjetà konvenuta, l-esponenti qatt ma rċeviet xi att ġudizzjarju jew interpellazzjoni li segħet iġġib a konjizzjoni tagħha l-allegat difett fit-titolu;*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **CMR Commercial Limited gia CMR Commercial Corporation Ltd** (C 4701) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta CMR Commercial Limited"), liema risposta ġiet ippreżentata fit-22 ta' Jannar, 2015 minn Joe Camilleri, li tgħid hekk:

1. *Illi, in linea preliminari, l-azzjoni attriċi fil-konfront tas-soċjetà esponenti, hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' għaxar snin, a tenur tal-**artikolu 2140** tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk is-soċjetà esponenti għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi wkoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju, l-atturi jridu jippruvaw id-dominju tagħhom fuq l-art in kwistjoni eżenti minn kull dubju;*

3. *Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi fil-konfront tas-soċjetà esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet:*

   a. *Illi permezz tal-kuntratt ta' bejgħ datat għaxra (10) ta' Diċembru tas-sena elf disgħa mija wieħed u tmenin (1981), fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef, is-soċjetà esponenti akkwistat il-proprjetà mertu tal-kawża mingħand is-soċjetà Holiday Estates Limited, illum magħrufa bħala Central Mediterrenean Development Corporation Limited;*

b. *Illi l-proprjetà hekk akkwistata mingħand is-soċjetà Holiday Estates Limited, kienet gia maqsuma fi plots, inklużi dawk numerati 57 u 58 u minnha s-soċjetà esponenti ma għamlet l-ebda varjazzjoni. Tant hu hekk illi meta s-soċjetà esponenti biegħet l-art in kwistjoni lill-intimati Anatole Baldacchino u lil martu Susan Baldacchino, hija mxiet fuq l-istess kejl u pjanti annessi mal-kuntratt ta' akkwist fuq imsemmi. Illi għalhekk is-soċjetà esponenti xtrat, ippossjediet u biegħet in assoluta buona fede, il-plot imsemmi;*

c. *Illi qabel it-trasferiment ta' dan il-plot lill-intimati Anatole Baldacchino u lil martu, l-istess soċjetà esponenti qatt ma rċeviet xi att ġudizzjarju jew xi forma ta' interpellazzjoni li permezz tagħha inġieb għall-konjizzjoni tagħha l-allegat difett fit-titolu li permezz tiegħu hija akkwistat, ipposjediet u sussegwentement ittrasferiet;*

d. *Illi għalhekk is-soċjetà esponenti m'għandhiex tiġi meqjusa responsabbli għad-danni reklamati li hija ma kkawżatx;*

e. *Illi ukoll, bil-kontra tas-soċjetà Central Mediterrenean Development Corporation Limited, gia Holiday Estates Limited, is-soċjetà esponenti ma kinitx parti fil-kawżi bin-numru 1858/95 GCD u 75/96 GCD li għalihom jagħmlu referenza l-atturi, u għalhekk dawk il-ġudizzji huma res inter alios acta;*

f. *Illi għalhekk hija s-soċjetà Central Mediterrenean Development Corporation Limited, gia Holiday Estates Limited, illi għandha tagħmel tajjeb għal kwalunkwe dannu allegatament soffert mill-atturi;*

g. *Illi a bażi tal-premess, is-soċjetà esponenti qiegħda minn issa żżomm lil-kumpanija Central Mediterrenean Development Corporation Limited responsabbli għal kwalsiasi danni li s-soċjetà esponenti sofriet, qed issofri u għad tista' ssofri, inklużi imma mhux limitatament dawk naxxenti mill-proċeduri odjerni, inklużi l-imgħax fuq l-istess u l-ispejjeż ġudizzjarji relattivi.*

4. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2015, fejn ġiet ordnata l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża fl-ismijiet **Joseph Pirotta et *vs.* Joseph Zammit et***,* Rikors Numru 1858/95GCD, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ottubru, 2011 u tal-kawża fl-ismijiet **Joseph Pirotta et *vs.* Peter Incorvaja et***,* Rikors Numru 75/96 GCD deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ottubru, 2011.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-atturi.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet ippreżentati mill-konvenuti.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-atturi huma koproprjetarji ta' porzjoni diviża ta' art, tal-kejl superfiċjali ta' żewġt itmien, misura u ħames kejliet, mill-art denominata 'Ta' Għajn Blad / Blat' fl-inħawi 'Tan-Nigret' limiti ta' Birżebbugia, liema art kienet ġiet akkwistata mill-awtur fit-titolu tagħhom, Carmelo Pirotta, b'kuntratt tat-22 ta' Ottubru, 1936. L-atturi huma lkoll dixxendenti ta' Carmelo Pirotta, u jippremettu li la huma u lanqas l-awturi fit-titolu tagħhom, qatt ma ttrasferew xi parti minn din l-art lil terzi. Mal-medda taż-żmien, madankollu, l-atturi osservaw li l-iżvilupp ta' bini li kien qiegħed isir fl-inħawi fejn huma għandhom l-art inkwistjoni, kien qiegħed viċin ħafna tal-art tagħhom, u minn stħarriġ tekniku li għamlu fuq l-art irriżultalhom li fil-fatt kien sar żvilupp ta' bini fuq parti mill-art li kienet ġiet akkwistata mill-awtur fit-titolu tagħhom, Carmelo

Pirotta. Fil-fatt din il-kawża hija waħda minn diversi kawżi mibdija mill-atturi bl-iskop li l-Qrati jistabbilixxu min huma s-sidien tal-artijiet inkwistjoni, u sabiex jirkupraw lura l-artijiet li jallegaw li huma tagħhom u li huma okkupati minn terzi.

Il-konvenut Anatole Baldacchino kien akkwista żewġ porzjonijiet art agjaċenti għal xulxin minn għand CMR Commercial Corporation Limited, indikati bin-numri sebgħa u ħamsin (57) u tmienja u ħamsin (58) fi Triq il-Maqdes, ġewwa Birżebbugia, permezz ta' kuntratt li jġib id-data tat-3 ta' Frar, 1993, fl-atti tan-nutar Carmelo Mangion, u fuqha żviluppa d-dar residenzjali tiegħu. Sussegwentement għal dan l-iżvilupp tad-dar residenzjali tiegħu, hu ġie mgħarraf mill-atturi, anki permezz ta’ protesti ġudizzjarji li ġew intavolati fil-konfront tiegħu, li ż-żewġ plots li hu kien xtara mingħand is-soċjetà konvenuta CMR Commercial Corporation Limited permezz tal-kuntratt tat-3 ta’ Frar, 1993, kienu jirkbu fuq parti mill-art proprjetà tal-atturi. L-azzjoni odjerna nfetħet ukoll kontra s-soċjetà konvenuta Central Mediterrenean Development Corporation Limited, li kienet is-soċjetà li biegħet l-art inkwistjoni maqsuma minnha fi plots, lill-konvenuta CMR Commercial Corporation Limited, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Francis Micallef tal-10 ta' Diċembru 1981. Jirriżulta li meta s-soċjetà Central Mediterrenean Development Corporation Limited kienet akkwistat l-art inkwistjoni permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Paul Pullicino tal-4 ta' Lulju 1966, l-estent tal-art akkwistata mingħand terzi, ċerti Schembri u Dalli, ma kienx ġie ppreċiżat fil-kuntratt tal-akkwist, u minflok kien hemm klawsola li kienet tispeċifika illi:

> “Il-partijiet jiftehmu illi għandhom jagħmlu kejl tal-art mibjugħa aktar preċiż bit-toroq relattivi iżjed tard, meta l-art tkun żviluppata bil-bini u f'każ li jinstab kejl

> iżgħar jew akbar minn dak fuq dikjarat, is-sub-ċens relattiv għandu jiżdied jew jonqos skont il-kas bir-rata ta' tliet xelini u sitt soldi l-qasba kwadra."

Dan ifisser li meta l-art li sussegwentement inbiegħet lill-konvenut Baldacchino, kienet ġiet akkwistata minn Central Mediterrenean Development Corporation Limited, gia Holiday Estates Limited, permezz tal-kuntratt tal-4 ta' Lulju, 1966, il-kejl preċiż u l-estremi preċiżi tal-art ma kinux magħrufa. Minkejja dan, l-art akkwistata minn Central Mediterrenean Development Corporation Limited, kienet inqasmet fi plots li sussegwentement ġew ittrasferiti, l-ewwel lil CMR Commercial Corporation Limited, u wara din ittrasferiet lil diversi individwi, fosthom lill-konvenut Anatole Baldacchino. Mill-provi prodotti jirriżulta li Central Mediterrenean Development Corporation Limited qatt m'għamlet l-eżerċizzju li kien stipulat li kien meħtieġ li jsir skont il-kuntratt tal-4 ta' Lulju 1966, sabiex tistabbilixxi b'ċertezza l-konfini tal-art mixtrija minnha u l-kejl tagħha. Minflok jirriżulta li l-art inqasmet minnha fi plots, u hija bdiet tbiegħhom.

L-atturi min-naħa tagħhom qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li huma s-sidien ta' parti mill-art okkupata mill-konvenut Anatole Baldacchino, ossia ta' parti mill-plots 57 u 58, skont kif indikat minnhom fil-pjanta (Dok. E) annessa mar-rikors promutur, tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom, qegħdin jokkupaw parti mill-proprjetà tal-atturi mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, tikkundanna lill-konvenuti jirripristinaw, jivvakaw u jroddu lura lill-atturi l-art indikata minnhom, bil-pussess vakanti, u tawtorizza lill-atturi sabiex f'każ li l-konvenuti jonqsu milli jottemperaw ruħhom ma' din l-ordni tal-Qorti, tkun il-Qorti li taħtar perit tekniku sabiex jassistihom fit-twettiq tax-xogħlijiet meħtieġa sabiex l-atturi jiksbu l-pussess tal-art tagħhom.

**Provi u riżultanzi**

Il-parti l-kbira tal-provi dokumentarji rilevanti għal din il-kawża ġew annessi mar-rikors promutur u mar-risposti maħlufa li tressqu mill-partijiet. Fl-udjenza tal-5 ta' Novembru, 2016 sar il-kontroeżami tal-**perit Godwin Borg**[3], wieħed mill-atturi, li xehed li hu kien ilu familjari mal-akkwati ta' din l-art ġewwa Birżebbugia għal diversi snin, sa minn meta kellu madwar sittax-il sena u missieru ħadu fuq l-art biex jurih fejn hi. Ikkonferma li l-ewwel darba li ħtieġlu jaċċedi fuq is-sit kien fis-sena 1981, ftit wara li miet missieru, u kellu bżonn jagħmel il-verifiki tiegħu dwar l-estent tal-art għal skopijiet ta' ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni. Ix-xhud ikkonferma li għal diversi snin hu ma kellux għalfejn jaċċedi fuq is-sit, iżda hu u l-familja tiegħu dejjem baqgħu jsegwu l-iskemi maħruġa mill-awtoritajiet governattivi rigward żvilupp li seta' jsir fuq l-art. Ix-xhud Godwin Borg qal:

> "Meta mort fin-1995 mill-ewwel indunajt li l-bini kien avvanza ħafna aktar lejna u li fl-opinjoni tiegħi, ovvjament mort niċċekkja biex nara jekk xi ħadd kienx daħal fl-art tagħna jew le. ... Dak iż-żmien kont kejjilt bil-pass u fl-opinjoni tiegħi kienu daħlu fina."

Ix-xhud Godwin Borg kompla jispjega kif:

> "Li ġara fin-1995, wara li sibna dan il-fatt, għamilna *survey*, imbagħad ħriġna serje ta' ċitazzjonijiet li fosthom kien hemm spoll fuq l-art tagħna, u aħna bagħatnilu ċitazzjoni".

Ix-xhud spjega li lilu rriżultalu li l-ewwel darba li kien hemm skema għall-bini fl-inħawi kien fis-sena 1994.

---

[3] *A fol.* 90 tal-proċess.

Il-konvenut Anatole Baldacchino ressaq lil **Oliver Magro**[4], rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar, sabiex jagħti x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, minn fejn irriżulta li l-applikazzjoni tal-konvenut Anatole Baldacchino għall-bini tal-plots akkwistati minnu, ġiet sottomessa lill-Awtorità għall-Ippjanar fil-25 ta' Frar 1993, u l-permess għall-bini ngħatalu fit-12 ta' Mejju 1993.[5] Minn xhieda li ta Anatole Baldacchino stess jirriżulta li fil-fatt hu beda jiżviluppa din id-dar u daħal jabita fiha sa tmiem is-sena 1993.

Il-Qorti kienet ħatret lill-perit Ġorġ Cilia b'digriet tat-23 ta' Ġunju, 2016, sabiex jirrelata dwar jekk kienx hemm xi invażjoni tas-sit tal-atturi, iżda permezz ta' rikors tal-1 ta' Lulju, 2016, l-atturi kienu oġġezzjonaw għall-ħatra ta' perit tekniku f'din il-kawża, minħabba li relazzjoni simili kienet diġà saret fil-kawżi li nfetħu mill-atturi u li għaddew in ġudikat. B'digriet tat-30 ta' Settembru, 2016, il-Qorti rrevokat il-ħatra tal-perit Cilia, u ġie verbalizzat li d-difensur tal-atturi kien qiegħed jikkonferma li ser jistrieħ fuq il-pjanta mħejjija mill-periti perizjuri fil-kawżi li l-proċessi tagħhom ġew allegati mal-atti ta' din il-kawża, u li għalhekk lanqas mhu meħtieġ li jsir aġġjornament tal-imsemmija pjanti.

Ix-xhud **Joe Camilleri**, in rappeżentanza tas-soċjetà konvenuta CMR Commercials Limited, u uniku direttur tagħha, xehed fl-udjenza tat-30 ta' Settembru, 2016[6], fejn qal li meta huwa xtara l-art fis-sena 1981, din kienet art biss, u li fuqha ma kien hemm l-ebda bini. Madanakollu qal li meta biegħetlu l-art **Central Mediterrenean Development Corporation Limited**, din kienet diġà mqassma fi plots, u li hu biegħ dawn il-plots lil terzi fl-istess kundizzjoni li hu

[4] *A fol.* 100 tal-proċess.
[5] *A fol.* 106 tal-proċess.
[6] *A fol.* 112 tal-proċess.

kien xtrahom. Ix-xhud Joe Camilleri xehed ukoll permezz ta' *affidavit*[7], fejn qal li l-akkwist tal-art mertu ta' din il-kawża kien sar permezz ta' kuntratt tal-10 ta' Diċembru 1981 mingħand Holiday Estates Limited, illum Central Mediterrenean Development Corporation Limited. Ix-xhud irrefera għall-pjanta annessa mal-kuntratt tal-akkwist, sabiex jikkonferma li meta nxtrat l-art, din kienet diġà maqsuma fi plots, u li minn dan it-tqassim, il-kumpannija rrappreżentata minnu ma kienet biddlet xejn. Fil-fatt meta l-kumpannija rrappreżentata minnu kienet biegħet l-artijiet lil terzi, fosthom lill-konvenut Anatole Baldacchino, din l-art inbiegħet bl-istess mod u bl-istess qisien kif kienet akkwistathom hi tnax (12)-il sena qabel mingħand Central Mediterrenean Development Corporation Limited. Ix-xhud qal li l-kumpannija tiegħu ġiet a konoxxenza ta' problemi fit-titolu tal-art lejn l-aħħar tas-sena 1995, meta bdiet tirċievi diversi protesti ġudizzjarji mingħand l-atturi. Madanakollu hi qatt ma kienet imsejħa fil-kawżi l-oħra li ġew istitwiti mill-atturi, u hu jidhirlu li qatt ma ntalab jixhed f'dawk il-proċeduri. Camilleri sostna li l-kumpannija tiegħu qatt m'aġixxiet in mala fede, u li hi dejjem xtrat, ippossediet u biegħet l-art mertu tal-kawża in buona fede.

Għas-soċjetà konvenuta l-oħra Central Mediterrenean Development Corporation Limited, xehdet **Sharon Cremona**[8], *general manager* tal-istess soċjetà, li kkonfermat u sussegwentement reġgħet ikkonfermat bil-mezz tal-*affidavit*[9], li s-soċjetà li minnha rappreżentata, kienet xtrat l-art inkwistjoni permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Paul Pullicino datat l-4 ta' Lulju 1966, u li permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Francis Micallef tal-10 ta' Diċembru

[7] *A fol.* 246 tal-proċess.
[8] *A fol.* 116 tal-proċess.
[9] *A fol.* 121 tal-proċess.

1981, kienu ġew ittrasferiti numru mill-plots mixtrija lil CMR Commercial Limited. Ix-xhud qalet ukoll li sa fejn jirriżulta lilha, tul is-snin li fihom is-soċjetà konvenuta Central Mediterrenean Development Corporation Limited kienet fil-pussess tal-artijiet inkwistjoni, qatt ma saret xi allegazzjoni li din kienet qiegħda tiddetjeni art li mhix proprjetà tagħha.

## Konsiderazzjonijiet legali

Minkejja li ma saret l-ebda dikjarazzjoni mill-atturi f'dan is-sens, m'hemm l-ebda dubju, li l-azzjoni promossa mill-atturi hija l-*actio rei vindicatoria.* Huma diversi l-insenjamenti ġurisprudenzjali tal-Qrati tagħna li jelaboraw dwar in-natura ta' din l-azzjoni. F'sentenza fl-ismijiet **Copperstone *vs.* Grech et**[10], il-Qorti rriteniet li l-elementi ta' din l-azzjoni huma:

1. Li l-attur rivendikant jipprova li għandu d-dominju fuq il-ħaġa li huwa jrid jirrivendika u li kien akkwista dak id-dominju leġittimament;

2. Li l-konvenut ikun jippossjedi l-ħaġa.

Sentenzi aktar riċenti madankollu jelaboraw aktar dwar in-natura ta' din l-azzjoni, u llum l-Qrati tagħna jsostnu li sabiex parti jew l-oħra tirnexxi f'din l-azzjoni, huwa suffiċjenti li parti turi li għandha titolu aħjar mill-oħra fir-rigward tal-proprjetà in disputa. Hekk pereżempju, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet **Arthur Kiomall et *vs.* Francis Borg et**[11], irriteniet illi:

> "Tradizzjonalment f'azzjoni rivendikatorja l-attur irid jipprova d-dominju, ossia l-proprjetà fih, tal-ħaġa li jrid jirrivendika u ma hux biżżejjed li jipprova li l-

[10] P.A., 14.12.1951.
[11] 12.01.2015.

ħaġa mhix tal-konvenut, imma jeħtieġ li juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu. Il-prova ġiet ritenuta li trid tkun kompleta u konklużiva, b'mod li kwalunkwe dubju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-possessur konvenut u anki jekk il-Qorti ma tkunx sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tiegħu li tkun eżenti mill-anqas dubju.

Madanakollu, fis-snin riċenti, ġie aċċettat mill-Qrati tagħna illi meta l-konvenut jeċċepixxi li huwa l-proprjetarju u jipproduċi prova f'dan is-sens huwa biżżejjed li r-rivendikant jipprova li għandu titolu aħjar minn dik tal-konvenut sabiex jirbaħ il-kawża. Fi kliem ieħor, f'każijiet bħal dawn m'hemmx għalfejn l-attur jipprova titolu oriġinali imma huwa biżżejjed li jipprova titolu derivattiv. F'tali każ isir eżami komparattiv tat-titoli rispettivi tal-partijiet sabiex jiġi stabbilit min għandu l-aħjar titolu fuq il-ħaġa in disputa. Il-prinċipju li min għandu l-aħjar titolu jirbaħ il-kawża, mingħajr ħtieġa li l-attur jipprova titolu assolut, huwa llum assodat fid-duttrina u fil-ġurisprudenza tagħna. Din l-estensjoni tal-portata tal-*actio rei vindicatoria* ġiet inferita mill-Qrati tagħna, tajjeb jew ħażin, mill-*actio publiciana* tad-Dritt Ruman."

Il-Qorti tal-Appell sostniet dan il-prinċipju wkoll fis-sentenza **Onor. Perit Carmelo Vella et *vs* Anthony Cassar**[12]:

"In-natura tal-azzjoni tista' titqies li hija vindicatoria, u l-attur li qed jinvoka l-proprjetà tal-art in kwistjoni jrid jipprova titolu oriġinali fuq il-proprjetà vindikata. Id-duttrina tgħallem li sid rivendikant m'għandux għalfejn jitlob tabilfors dikjarazzjoni tan-nullità tal-att aljenatarju li bis-saħħa tiegħu l-beni jkun ġie f'idejn il-konvenut, sabiex iseħħlu jirbaħ lura dak il-bini mingħand l-istess konvenut.

Issa huwa veru li l-attur irid jipprova t-titolu tiegħu, titolu li suppost għandu jwassal għall-wieħed oriġinali, iżda fid-dawl tad-diffikultà, jekk mhux impossibilità (tant li tissejjaħ *diabolica probatio*) ta' din il-prova, il-ġurisprudenza u l-awturi immitigaw din il-prova li tispetta lill-attur, u l-prova rikjesta ma baqgħetx meħtieġa li tkun daqshekk riġida, iżda għandha tkun imqabbla ma' dik tal-konvenut possessur."

[12] 17.03.2005.

F'sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Chircop et *vs.* Micallef et**[13], il-Qorti stabbiliet prinċipji rilevanti għall-mertu tal-kawża odjerna:

> "Il-prova tal-proprjetà tista' ssir jew bl-esebizzjoni tat-titolu tal-akkwist jew bl-istess preskrizzjoni akkwiżittiva jew bi kwalunkwe mezz ieħor permess mil-liġi. L-isess awtur Laurent, wara li jitkellem fuq il-prova li tiġi mit-titolu tal-akkwist, jgħid: *'Colui che rivendica può altresi invocare la prescrizione'.* Dak l-awtur ifakkar fid-dubju ta' xi awturi fuq dan il-mezz ta' preskrizzjoni, dubju li hu bażat fuq ir-rifless li una volta l-użukapjoni tippresupponi l-pussess tar-rivendikant u una volta l-azzjoni rivendikatorja għall-kuntrarju tippresupponi l-pussess mhux fir-rivendikant imma fil-konvenut, per konsegwenza tidher ħaġa kontradittorja illi r-rivendikant li ma għandux il-pussess, jista' jinvoka l-preskrizzjoni bħala prova tad-dominju tiegħu. Dan id-dubju huwa però aktar apparenti milli reali … Il-ġurisprudenza tagħna segwiet dawn il-prinċipji u fil-kawża '**Attard vs Fenech**' maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 1875 (Vol. VII. 390) jinsab dikjarat illi: '*in difetto di un titolo scritto, l'attore è ammesso a provare il suo dominio, con qualunque altro mezzo permesso dalla legge* (Vol. XXIX. II. 488)."

Illi in vista ta' dak li eċċepew il-konvenuti f'din il-kawża rigward l-aċċertament tat-titolu tal-atturi fuq il-proprjetà inkwistjoni, fl-ewwel lok il-Qorti għandha tagħmel evalwazzjoni tal-provi u x-xhieda prodotti sabiex tkun tista' tippronunzja ruħha dwar it-titolu tal-atturi, kemm bħala l-eredi fit-titolu ta' Carmelo Pirotta, kif ukoll inkwantu dawn qegħdin jivvantaw titolu tagħhom proprju fuq parti sostanzjali mill-art li fuqha bena l-konvenut Anatole Baldacchino, l-art indikata bil-kulur blù fil-pjanta esebita mar-rikors promutur, immarkata bħala Dokument 'E'.

Il-mod kif it-titolu ta' Carmelo Pirotta għadda għand id-dixxendenti tiegħu huwa spjegat fl-atti li ġew allegati ma' dan il-proċess.[14] M'hemmx dubju li l-atturi huma tassew eredi fit-titolu ta' Carmelo Pirotta, li kien akkwista l-art

---

[13] 28.04.2000.

[14] *A fol.* 259 *et seq.* tal-atti tal-kawża fl-ismijiet **Joseph Pirotta et *vs.* Peter u Mary Rose Incorvaja et,** li ġiet deċiża fil-25 t'Ottubru 2011, u li minnha ma kienx hemm appell.

inkwistjoni permezz tal-kuntratt tat-22 ta' Ottubru 1936, u dan in vista tar-riċerki testamentarji u provi dokumentarji oħra li ġew esebiti. Il-Qorti tagħmel wkoll riferiment għal dak li ġie vverbalizzat fl-udjenza tat-30 ta' Settembru, 2016, fejn l-atturi sostnew li ma kienx hemm il-ħtieġa li jitqabbad perit tekniku ieħor minn din il-Qorti, wara li din il-Qorti diversament preseduta kienet ħatret xejn anqas minn erba' (4) periti tekniċi sabiex jirrelataw dwar l-estent tal-art u l-bini li tela' fuqha, u li għall-fini ta' pjanti u riżultanzi tekniċi kienu qegħdin jaqblu li din il-Qorti għandha tuża l-istess pjanti u l-istess rapport tekniku li ġie redatt mill-periti perizjuri fil-kawżi li l-atti tagħhom ġew allegati mal-proċess ta' din il-kawża, dawk bir-rikors numru 1858/1995/2 fl-ismijiet **Joseph Pirotta et *vs.* Joseph Zammit et,** u bir-rikors numru 75/1996/1 fl-ismijiet **Joseph Pirotta et *vs.* Peter Incorvaja et**. Il-Qorti kkonsidrat il-konklużjonijiet li waslu għalihom l-imsemmija periti perizjuri, kif ukoll ir-risposti li taw wara l-eskussjonijiet li saru, u qieset li l-kawża odjerna kif proposta mill-atturi hi msejsa fuq il-pjanta bir-referenza Dok. ADM 10[15], u fuq id-Dokument markat 'E' anness mar-rikors promutur, liema Dokument markat 'E' jikkostitwixxi pjanta skalata tal-porzjon art li ġiet invaduta mill-konvenuti.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom ma oġġezzjonaw fl-ebda waqt matul din il-kawża għad-dikjarazzjoni tal-atturi li l-konklużjonijiet tal-periti perizjuri fiż-żewġ kawżi li għaddew in ġudikat, jintużaw ukoll f'din il-kawża, u filwaqt li m'għamlu l-ebda talba għall-ħatra mill-ġdid ta' perit tekniku sabiex jirrelata mill-ġdid dwar l-art inkwistjoni, lanqas mhuma jiċħdu dak li qegħdin isostnu l-atturi li l-proprjetà mibnija mill-konvenut Anatole Baldacchino taqa', f'parti

[15] *A fol.* 403 tal-atti allegati mal-proċess.

minnha, fil-konfini tal-art proprjetà tal-atturi, u dan skont il-pjanti li sar riferiment għalihom fil-kawża.

Il-Qorti, wara li evalwat il-provi prodotti, kif ukoll dak li ġie deċiż fis-sentenzi li diġà għaddew in ġudikat, tqis li ladarba l-provi f'dawk iż-żewġ kawżi ma ġew iddisturbati bl-ebda mod, anzi jirriżulta li din il-kawża hi prattikament identika għall-kawżi li ġew deċiżi diġà b'sentenzi ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, għandha tagħmel tagħha l-konklużjonijiet raġġunti mill-Qorti fis-sentenzi fil-kawżi rikorsi numru 1858/1995/2 u 75/1996/1 rigward it-titolu tal-atturi fuq l-art, partikolarment fejn il-Qorti stabbiliet illi:

> "Għalhekk l-atturi kisbu titolu oriġinali fuq l-art bil-preskrizzjoni ta' tletin sena, waqt illi l-konvenuti u l-imsejħa fil-kawża ma kisbu xejn mill-art tal-atturi b'użukapjoni",

u dan b'riferiment għall-fatt li meta s-soċjetà Holiday Estates Limited, illum Central Mediterrenean Development Corporation Limited, akkwistat l-art inkwistjoni bil-kuntratt tal-4 ta' Lulju 1966, il-konfini u l-kejl preċiżi tal-art ma kinux magħrufa, u għalhekk ma seta' qatt jitqies li s-soċjetà konvenuta Central Mediterrenean Development Corporation Limited kienet tissodisfa r-rekwiżiti kollha sabiex jitqies li akkwistat bil-preskrizzjoni ta' tletin sena, stante li l-pussess minnha tal-art ma setax jitqies li kien univoku.

Wara li ġie stabbilit li t-titolu tal-atturi fuq l-art huwa eqdem u konsolidat bil-pussess ta' ferm aktar minn tletin sena, *la prova migliore* tat-titolu, din il-Qorti diversament preseduta kkonkludiet li kwalsiasi paragun tal-pjanti esebiti mill-partijiet li jindika li hemm diskrepanza bejn dak li l-atturi qed isostnu li hu

tagħhom, u dak li l-konvenuti jallegaw li akkwistaw, għandu jwassal sabiex jirbaħ it-titolu tal-atturi, in linea mal-prinċipju li *prior in tempore potior in iure.*

Il-Qorti kkonsidrat dak li ġie stabbilit fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Carmel Bezzina et *vs* Carmelo Busuttil**[16], sabiex tifhem is-siwi tal-eżami komparattiv li għamlet il-Qorti fil-kawżi li għaddew in ġudikat:

> "Illi, min-naħa l-oħra, il-parti mħarrka m'għandha għalfejn tipprova xejn, sakemm ma tkunx hi li tagħżel li ġġib 'il quddiem hija nnifisha l-eċċezzjoni li t-titolu tal-ġid rivendikat jinsab vestit fiha. Dan jingħad għaliex jekk fl-azzjoni rivendikatorja l-imħarrek jiddefendi ruħu, mhux fuq il-bażi tal-pussess, imma fuq dik ta' titolu, allura f'dak il-każ il-Qorti jkollha tidħol f'eżami tat-titolu vantat mill-imħarrek u tqis is-siwi tiegħu bl-istess għarbiel li tqis it-titolu tal-attur rivendikant. F'din il-kawża, l-imħarrek għażel ukoll li jinvoka titolu favurih – huwa jsejjes dan it-titolu fuq il-preskrizzjoni akkwiżittiva …
>
> Illi meta l-parti mħarrka ma tillimitax ruħha biss biex tilqa' għall-azzjoni rivendikatorja billi tinvoka l-pussess, iżda tgħaddi biex tinvoka titolu, il-Qorti jkollha tqis it-titolu hekk invokat. U jekk kemm-il darba l-parti mħarrka ma jseħħilhiex turi tajjeb dak it-titolu tagħha, taqa' u tfalli d-difiża tagħha safejn imsejsa fuq it-titolu. U ladarba tfalli dik il-linja ta' difiża, il-parti mħarrka ma tkunx tista' imbagħad terġa' tistkenn taħt id-difiża tal-pussess tagħha tal-art rivendikata mill-parti attriċi, għaliex huwa jrid jagħżel jew il-waħda jew l-oħra. Meta l-parti mħarrka tinvoka favuriha t-titolu kontra l-parti attriċi rivendikanti, il-parti mħarrka ssir qisha kienet hi l-parti rivendikatriċi u jkollha turi titolu tajjeb li l-liġi tistenna f'azzjoni petitorja bħal din, minbarra li tkun qiegħda impliċitament tagħraf it-titolu tal-parti attriċi."

F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li hemm konflitt bejn it-tieni u l-ħames eċċezzjoni tal-konvenut Anatole Baldacchino, li filli jsostni li hu għandu titolu tajjeb stante li hu akkwista tajjeb, u filli jsostni li hu akkwista bil-preskrizzjoni akkwiżittiva bil-mogħdija ta' għaxar snin li fihom il-pussess tiegħu kien in bona fede u mhux disturbat. Fil-verità jirriżulta li l-konvenut Baldacchino ma jistax

[16] P.A., 23.11.2011.

jeċċepixxi favur tiegħu l-preskrizzjoni deċennali *ai termini* tal-artikolu 2140 tal-Kodiċi Ċivili li jaqra hekk:

> "Kull min b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetà, jippossjedi ħaġa immobbli għal żmien ta' għaxar snin, jakkwista l-proprjetà tagħha."

L-Onorabbli Qorti tal-Appell, f'sentenza tad-19 ta' Jannar, 1983, fl-ismijiet **Kanonku Ġużeppi Zammit *vs.* Carmela Bonello**[17] stabbiliet li biex wieħed jakkwista proprjetà a bażi ta' dan l-artikolu tal-liġi, iridu jiġu sodisfatti dawn l-elementi kollha:

a. Bona fidi;
b. Titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetà;
c. Pussess tal-ħaġa immobbli għal żmien ta' għaxar snin, liema pussess irid ikun kontinwu, mhux interrott, paċifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku.

Mill-provi mressqa jirriżulta li lanqas pussess paċifiku ta' għaxar snin ma jista' jargumenta li kellu l-konvenut Baldacchino, stante li l-ewwel darba li hu ġie notifikat bi protest ġudizzjarju mill-atturi dwar il-fatt hu bena r-residenza tiegħu fuq parti mill-art tagħhom kien fis-sena 1995, ftit aktar minn sentejn wara l-akkwist tal-art minnu, u għaldaqstant lanqas f'termini ta' mogħdija ta' snin ma jista' jintqal li potenzjalment hemm akkwist bis-saħħa tal-preskrizzjoni deċennali.

Lanqas ma jista' l-konvenut Baldacchino jargumenta li hu akkwista l-art b'titolu validu permezz tal-kuntratt tal-4 ta' Ġunju, 1993, u dan minħabba li t-titolu derivattiv tiegħu ġej minn persuna jew persuni li ma kinux akkwistaw l-art inkwistjoni b'titolu validu, *nemo dat quod non habet.* Huwa minnu li huwa

[17] 19.01.1983.

akkwista bil-garanzija tal-paċifiku pussess, però fl-aħjar ipoteżi għall-konvenut Baldacchino, tali garanzija tħalli lok għall-konvenut Baldacchino li jieħu azzjoni kontra min biegħlu bil-garanzija tal-paċifiku pussess, permezz ta' azzjoni appożita, iżda ċertament li r-rimedju ma jistax jingħata permezz tad-deċiżjoni li ser tagħti din il-Qorti.

Il-Qorti kkunsidrat l-eċċezzjonijiet li tressqu mis-soċjetà konvenuta Central Mediterrenean Development Corporation Limited, senjatament ir-raba', l-ħames u s-sitt eċċezzjoni fejn din spjegat il-mod kif akkwistaw l-art inkwistjoni u tal-fatt li hija akkwistat, ippossjediet u ttrasferiet l-art in bona fede. Madanakollu l-Qorti tosserva li minkejja l-obbligu li kellha li wara li akkwistat l-art tagħmel eżerċizzju sabiex jiġu determinati l-konfini u l-kejl preċiż tagħha, hija naqset li tagħmel dan, u minflok qasmet l-art fi plots kif dehrilha hi, u bdiet tbiegħ l-plots lil terzi, daqslikieku ma kienx hemm din id-diffikultà. Minn dan jirriżulta li s-soċjetà konvenuta Central Mediterrenean Development Corporation Limited m'aġixxietx in bona fede la fiż-żmien li fih kellha l-pussess tal-art inkwistjoni, u lanqas fiż-żmien li fih ittrasferiet l-istess art lil terzi.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenuta CMR Commercial Limited u tqis li din akkwistat it-titolu tagħha mingħand Central Mediterrenean Development Corporation Limited permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Francis Micallef tal-1981, u li hija żammet din il-proprjetà sakemm biegħitha lill-konvenut Baldacchino fl-1993. It-titolu li bih akkwistat CMR Commercial Limited fir-rigward tal-art mertu ta' dawn il-proċeduri, ma kienx wieħed li seta' jiġi ttrasferit stante li min ittrasferixxa dak it-titolu lilha, is-soċjetà CENMED, ma kellux titolu validu, għar-raġunijiet li ġew spjegati diġà. Jirriżulta wkoll li minkejja li s-soċjetà CMR Commercial Limited kellha l-pussess

tal-proprjetà għall-perijodu preskritt mil-liġi għall-finijiet tal-artikolu 2140 tal-Kodiċi Ċivili, jirriżulta mankanti l-element tal-pussess 'pubbliku', l-għarfien ta' kulħadd li individwu jew grupp ta' individwi qegħdin jivvantaw titolu fuq proprjetà partikolari, b'mod li s-sid veru tagħha jkun jista' jipproteġi t-titolu tiegħu fuq dik il-proprjetà jekk jirriżulta li l-jeddijiet tiegħu fuqha qegħdin jiġu ddisturbati. Fil-fatt minn dak li xehed Joe Camilleri, l-uniku direttur tas-soċjetà konvenuta CMR Commercial Limited, huwa xtara l-art, u għaż-żmien kollu li kienet fil-pussess tiegħu, sa ma biegħha, huwa ma mess xejn u ma bidel xejn minn dak li sab fuq is-sit. Is-soċjetà CMR Commercial Limited akkwistat il-jeddijiet fuq il-proprjetà li Central Mediterrenean Development Corporation Limited qaltilha li kienet tagħha, u m'għamlet xejn biex b'mod li jkun magħruf mill-pubbliku tasserixxi l-jeddijiet tagħha fuq il-proprjetà.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjoni tal-konvenut Anatole Baldacchino;**

2. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Anatole Baldacchino;**

3. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta Central Mediterrenean Corporation Development Limited;**

4. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta CMR Commercial Limited;**

5. **Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tal-atturi, billi tordna lill-konvenut Anatole Baldacchino jivvaka u jrodd lura lill-atturi dik il-parti tal-art immarkata bil-blù fuq il-pjanta annessa mar-Rikors Maħluf immarkata 'Dokument E', u dan fi żmien xahrejn mid-data ta' din is-sentenza;**

6. **Taħtar lill-perit Ġorġ Cilia sabiex jissorvelja x-xogħlijiet li hemm bżonn isiru u jara li din is-sentenza tiġi eżegwita mill-konvenut Anatole Baldacchino;**

7. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Central Mediterrenean Development Corporation Limited tħallas tnejn minn tlieta (2/3) tal-ispejjeż ta' din il-kawża, filwaqt li s-soċjetà konvenuta CMR Commercial Limited għandha tħallas sest (1/6) u l-konvenut Anatole Baldacchino għandu jħallas sest (1/6) tal-imsemmija spejjeż.**

**Bla preġudizzju għal kull azzjoni ulterjuri li l-partijiet konvenuti fil-kawża jista' jkollhom fil-konfront ta' xulxin.**

Moqrija.